# PROGRAMM

TAL-FESTI AD UNUR TAL

## "MADONNA TAL-GILJU"



IMQABBA—21 - 24 TA' MEJJU 1970

PRO(

# FESTI FIL-KNISJA

**21 ta' Mejju:**

7.00 p.m. Ghasar, Prietka mill-W.R. Patri Raimond Formosa O.P., Antifona, Litanija u celebrazzjoni Ewkaristika.

**22 ta' Mejju:**

6.00 a.m. Quddiesa Kantata.

7.00 p.m. Ghasar, Prietka. Antifona Litanija u Celebrazzjoni Ewkaristika.

**23 ta' Mejju:**

6.00 a.m. Quddiesa Kantata.

5.00 p.m. Ghasar, Antifona, u Celebrazzjoni Ewkaristika.

## JUM IL-FESTA

**24 ta' Mejju:**

5.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali.

6.00 a.m. u 7.0) a.m. Quddies lett bl-Omelija.

8.00 a.m. Kant ta' Lawdi.

8.30 a.m. Quddiesa Kantata. Wara l-Vangelu il-W.R. Patri Bonaventura Fiorini O.F.M. Conv., jinseg panigirku ta' tifhir lill-Madonna.

10.30 a.m. u 11.30 a.m. Quddies lett bl-Omelija.

5.00 p.m. Ghasar solenni bil-muzika. Wara tohrog il-processjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Gilju. Wara l-Processjoni tinghata l-Barka Sagramentali

Il-funzjonijiet ta' nhar il-Festa jkunu mmexxija mill-Patrijiet Kappuccini tal-Furjana. Il-muzika tkun taht id-direzzjoni tas-Surmast Frank Diacono.

RAMM

# FESTI TA' BARRA

**Is-Sibt 23 ta' Mejju Lejliet il-Festa:**

7.30 p.m. Mixghela Generali.

8.00 p.m. Il-Banda "San Guzepp" tal-Hamrun tferrah it-toroq ewlenin tar-rahal b'sett ta' marci brijuzi, u wara tesegwixxi programm muzikali fil-pjazza tal-Knisja.

11.00 p.m. Hruq kbir tal-loghob tan-nar u murtali tal-kulur mahdumin mid-delettanti ta' l-istess kazin.

**Il-Hadd 24 ta' Mejju Jum il-Festa:**

12.30 p.m. il-maghrufa banda "LILY" fost entuzjazmu liktar kbir tferrah it-toroq principali tar-rahal b'sett ta' marci brijuzi.

5.30 p.m. Il-Banda Cittadina "King's Own" taghmel marc minn trieq il-Parrocca sal-pjazza tal-Knisja fejn wara tesegwixxi programm muzikali. Waqt il-Processjoni ikun hemm murtali tal-kulur, kaxxa nfernali u musketterija.

N.B.—Billi din is-sena tahbat il-25 anniversarju minn mindu is-Sur Salvinu Magro ilu jiehu hsieb l-illuminazzjoni fil-festa tal-Madonna tal-Gilju ghall din l-okkazzjoni il-kuntrattur fuq imsemmi se jaghmel il-parti l-kbira mix-xoghol tad-dawl artistiku.

VIVA

IL-MADONNA TAL-GILJU

# KURUNELLA

## TA'

## SIDTNA MARIJA SANTISSIMA

## KONCETTA IMMAKOLATA

1. Lejna hares, o hanina
Hawn quddiemek mixhutin,
Bhala wliedek ifrah bina,
Allavolja midinbin.
Ave, Glorja.

2. Kemm sabiha ghamlek Alla
Sa mill-bidu li int inhlaqt,
Harsek fis, u xejn ma halla,
Li tittabba f'dak il-waqt.
Ave, Glorja.

3. Malli nsiru d-dnub jahtafna,
Dana ghalik ma garax;
Dak il-ghadu li garrafna,
Lilek jirbah ma setax.
Ave, Glorja.

4. Xejn ma kellha x'taqsam mieghek,
Dik it-tebgha ta' kulhadd,
kollu safi l-bidu tieghek,
Id-dnub fik ma deher qatt.
Ave, Glorja.

5. Allavolja Adam missierek,
Il-htija minnu int ma hadtx,
Lilek kmieni Alla bierek,
U mal-hazen ma thallatx.
Ave, Glorja.

6. Wera Alla wisq kburija,
Meta ghamlek fost in-nies,
U min qatt jista', o Marija,
Talli tak isib il-qies ?
Ave, Glorja.

7. Fuq il-gholja tal-qdusija,
U hadd bhalek int inbdejt,
Hekkda ghamlek il-Messija,
Meta hajtek inti bdejt.
Ave, Glorja.

8. Id-dawl t'Alla bikri rajtu,
Lilu dlonk inti habbejt,
Kif bdejt hajtek qalbek tajtu,
Kif fid-dinja inti gejt.
Ave, Glorja.

9. Meta ghamlek zejnek b'gidu,
L-Iben tieghek il-hanin,
Lilek wahdek zammek b'idu,
Ma telqekx mal-midinbin.
Ave, Glorja.

10. O xi gmiel u kemm sabiha,
Inti gejt fuq dina l-art,
Bhalek gilju kollok fwiha,
Kemm nadifa issawwart.
Ave, Glorja.

11. Hudha wahdek dil-fohrija,
Ghaliex wahdek int dehirt,
B'din it-tieba hekk bikrija,
Kif xerqitlek meta sirt.
Ave, Glorja.

12. Int ismaghna, Omm il-hniena,
Ulied Eva midinbin,
Hi hassritna u sirna hziena,
Int qeghidna mat-tajbin.
Ave, Glorja.

*Bis-Sensja tal-Knisja*

"THE CLASSIC PRESS" 15, NEW ST. MICHAEL STR., COSPICUA.